MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 104/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Formosa**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Formosa talli fit-23 ta’ Awwissu 2010 ghall-habta tas-13.40hrs gewwa ix- Xghajra ingurja u/ jew hedded lil martu Jacqueline Formosa, jew jekk kien ipprovokat, ingurjaha b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 u dang has-sigurta` ta’ Jacqueline Formosa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(e) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Alfred Formosa hati u kkundannatu gimgha detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Alfred Formosa pprezentat fit-28 ta’ Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, tannulla jew tvarja s-sentenza appellata, tiddikjara li l-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kwinti tilliberah minnha u minn kull imputazzjoni u piena. Fl-eventwalita` li xorta wahda tinstab htija fl-appellant, nonostante li l-appellant jerga’ jtenni li mhux hati, tvarja u tirriforma l-istess sentenza billi tinghata piena idoneja li tkun tirrifletti l-akkuza, mehuda c-cirkostanzi kollha u partikolari tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ghalkemm jikkonferma li kien hemm battibekk bejnu u martu, huwa jichad bl-aktar mod kategoriku li ngurja u/jew hedded lil martu Jacqueline Formosa; (2) li wara r-rapport lill-Pulizija, il-partijiet lehqu ftehim li jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali, minkejja li jkunu legalment separati, u dan jindika li martu ma kinitx qed tibza’ minnu wara l-allegat incident. Ftehmu wkoll li l-imputazzjonijiet kellhom jigu rtirati fis-seduta tal-21 ta’ Frar 2011, izda hija telghet tixhed u allegat li hu heddidha bi kliem. Il-verzjoni tieghu hi aktar verosimili u kredibbli stante li ma kellu ebda raguni jingurja u/jew jhedded lil martu ladarba kienet hi li qed titlob manteniment minghandu meta ma kellhiex dritt legali taghmel dan. Fi kwalunkwe kaz ix-xiehda moghtija minnu u minn martu hi konfliggenti u ghalhekk ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubju; (3) li l-piena hi wahda esagerata.

**6.** Fis-seduta tallum dehret il-*parte civile* Jacqueline Formosa li ddikjarat li hi ma tixtieqx tixhed kontra zewgha l-appellant peress illi rrikonciljaw id-differenzi ta’

bejniethom u ghalhekk kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------